C/2025/3337

16.6.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11943 — MULTIPLY / CVC / PAI / TENDAM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/3337)

1. Fit-3 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Multiply Group PJSC ("Multiply", l-Emirati Għarab Magħquda), finalment ikkontrollata minn International Holding Company PJSC ("IHC", l-Emirati Għarab Magħquda),

— CVC Capital Partners plc ("CVC", Jersey) permezz ta' Llano Holdings S.à r.l. ("Llano", il-Lussemburgu),

— PAI Partners, S.A.S ("PAI", il-Lussemburgu),

— Tendam Brands, S.A.U. ("Tendam", Spanja).

Multiply, CVC u PAI se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Tendam kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Multiply: tinvesti f'negozji trasformattivi madwar id-dinja.

— CVC: tipprovdi pariri u timmaniġġja fondi u pjattaformi ta' investiment madwar id-dinja.

— PAI: timmaniġġja għadd ta' fondi li jinvestu fis-setturi tas-servizzi tan-negozju, tal-ikel u tal-konsumatur, tal-industrija ġenerali u tal-kura tas-saħħa.

— Tendam: hija attiva fid-disinn, l-akkwist, il-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ u d-distribuzzjoni ta' lbies tad-ditta tal-irġiel u tan-nisa għas-suq tal-massa permezz ta' ħwienet operati direttament minnhom, bejgħ online, u franchises internazzjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11943 — MULTIPLY / CVC / PAI / TENDAM

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË